MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 6/2005/3

**Direttur tal-Artijiet**

**Vs**

**Joseph Cachia f'isem Polidano Group**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Joseph Cachia fejn espona:

Illi fid-29 ta' Novembru, 2004, l-attur ipprezenta dikjarazzjoni quddiem din il-Qorti ad effett "*Illi fl-imsemmija kwalita' tieghu hu ghandu jiehu minghand Polidano Group is-somma ta' elfejn Lira*

*Maltija (Lm2,000) rapprezentanti hlas dovut ghal hrug ta' encroachment permit in konnessjoni mal-bini tal-Embassy fi Triq Santa Lucija, Valletta f'Jannar tas-sena 2000"*;

Illi preliminarjament qieghda tigi eccepita n-nullita' tal-att pprezentat mill-attur stante illi dan hu nieqes mill-formalitajiet rikjesti mil-ligi. Kif ahjar jirrizulta mill-att in kwistjoni dan huwa redatt b'mod rudimentali u ma jikkontjeni l-ebda interpellazzjoni;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi relevat li n-notifika tal-istess dikjarazzjoni m'hijiex valida skond il-ligi peress li giet notifikata lil Joseph Cachia f'isem Polidano Group. L-imsemmi Joseph Cachia la huwa direttur u lanqas azzjonista tas-socjeta' msemmija, qatt ma nghata l-awtorizzazjoni sabiex jagixxi a nom taghha u wisq anqas gie awtorizzat jaccetta notifiki ta' atti gudizzjarji a nom tal-istess;

Illi *dato ma non concesso* li d-debita notifika hija valida skond il-ligi; l-pretensjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma tezisti l-ebda socjeta' bl-isem ta' Polidano Group, validament kostitwita bil-ligi;

Illi minn issa l-esponent jirriserva d-dritt li jzid fi stadju ulterjuri mal-premessi hawn fuq elenkati;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara preliminarjament li d-dikjarazzjoni attrici hija nulla in vista tal-premessi hawn fuq elenkati.
2. Tiddeciedi u tiddikjara li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet fejn espona:

Illi Joseph Cachia pprezenta rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti in segwitu ta' dikjarazzjoni prezentata mid-Direttur tal-Artijiet ghall-finijiet tal-Artikolu 466 Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-allegazzjonijiet imressqa mir-rikorrent huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet;

Illi Joseph Cachia eccepixxa n-nullita' tal-att pprezentat mid-Direttur tal-Artijiet stante illi, skond hu, dan kien nieqes mill-formalitajiet rikjest mill-ligi....u ma kien jikkontjeni l-ebda interpellazzjoni; Skond l-imsemmi Artikolu 466(1) tal-Kap 12 fuq imsemmi: "Meta kap ta' dipartiment tal-Gvern irid jagixxi ghall-hlas ta' kreditu li jkollu jiehu d-dipartiment li tieghu huwa jkun il-kap......huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur........li fiha huwa ghandu jiddikjara (1) xi tkun ix-xorta tad-debitu u (2) l-isem tad-debitur u (3) jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut". L-Art. 466(2) jkompli "Id-dikjarazzjoni.........ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju ... ...".

Illi, bir-rispett kollu, id-dikjarazzjoni pprezentata mid-Direttur tal-Artijiet kien fiha it-tliet rekwisiti fuq imsemmija li ghandhom jkunu fid-dikjarazzjoni guramentata u dana kif jidher car mill-anness Dok A li huwa kopja vera tad-dikjarazzjoni prezentata; Dok B anness huwa vera kopja tal-att gudizzjarju ukoll rikjest mill-ligi li bih giet notifikata id-dikjarazzjoni;

Fir-rikors tieghu, Joseph Cachia eccepixxa li n-notifika tal-istess dikjarazzjoni m'hijiex valida skond il-ligi peress li giet notifikata lil Joseph Cachia f'isem Polidano Group, u Joseph Cachia la huwa direttur u lanqas azzjonista tas-socjeta' msemmija, qatt ma nghata l-awtorizzazzjoni biex jagixxi a nom taghha u wisq anqas gie awtorizzat jaccetta notifiki ta' atti gudizzjarji a nom tal-istess.

Fl-4 ta' Mejju 1999, Joseph Cachia, fuq "letter-head" ta' Polidano Group kiteb lill-Kummissarju tal-Artijiet "... ... requesting temporary encroachment permission to erect a tower crane and to construct a boundary wall...." (Dok C). F'Jannar 2000, il-permess rikjest fl-ittra il-fuq citata, inghata permezz ta' ittra indirizzata lil Joseph Cachia, Polidano Group (Dok D) u konsegwentement il-crane intrama fis-sit indikat u x-xogholijiet saru; il-hlas ta' Lm2000 imsemmija fid-Dok D ma sar qatt;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti l-ammont ta' Lm2000 ghadu dovut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti:

1. Joseph Cachia jahdem bhala Perit u hu impjegat mas-socjeta' Polidano Brothers Limited,[1] izda m'ghandux r-rapprezentanza tal-istess socjeta.[2] Din is-socjeta hija wahda mis-socjetajiet li jiffurmaw il-Polidano Group.

2. Is-socjeta' Polidano Brothers Limited, "...hadu x-xoghol ta' twaqqiegh u ta' skavar tal-fond."[3] tal-progett tal-Embassy, fil-Belt Valletta.

3. Fl-4 ta' Mejju 1999, Joseph Cachia baghat ittra fuq *letterhead* ta' Polidano Group indirizzata lill-Kummissarju ta' l-Artijiet fejn talab *temporary encroachment permission* sabiex jkollhom *tower crane* u jibnu *boundary wall* madwar is-sit fejn kien qieghed jinbena l-kumpless bl-isem ta' Embassy fil-Belt Valletta.[4]

4. F' Jannar 2000, id-Direttur ta' l-Artijiet baghat ittra lil Joseph Cachia ghan-nom ta' Polidano Group, fejn approva t-talba ta' Joseph Cachia fl-ittra ta' l-4 ta' Mejju 1999 u dan ghal perijodu ta'

[1] Ara x-xhieda ta' Joseph Cachia a fol. 70 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta' Joseph Cachia a fol. 71 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' Joseph Cachia a fol. 70 tal-process.
[4] Ara l-ittra mibghuta minn Joseph Cachia lill-Kummissarju ta' l-Artijiet mmarkata bhala Dok C a fol. 9 tal-process.

tmintax-il xahar bejn Mejju 1999 sa' Novembru 2000 u bil-kundizzjoni ta' hlas ta' LM 2000 u li jigi ottenut permess mill-Kunsill Lokali u mill-Pulizija.[5]

5. Ir-responsabilita' tal-bini tal-progett kollu kemm hu kien hemm ta' socjeta ohra bl-isem ta' Embassy Limited.[6]

6. It-*tower crane* gie effettivament istallat.[7]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Ir-rikorrenti qieghed jaghmel tlett sottomissjonijiet ghaliex it-talba tad-Direttur tal-Artijiet ghal hlas ghandha tigi respinta, u dawn huma s-segwenti:

1. in-nullita' tad-dikjarazzjoni pprezentata mid-Direttur tal-Artijiet ghax kienet nieqsa mill-formalitajiet rikjesti mill-Ligi;

2. in-nullita tan-notifika tal-istess dikjarazzjoni lil Joseph Cachia; u

3. li ma tezisti l-ebda socjeta' bl-isem Polidano Group.

Din il-Qorti sejra titratta dawn is-sottomissjonijiet, wahda wahda, pero, ghal ragunijiet ta' logicita, ser tittratta t-tielet sottomissjoni qabel it-tieni sottomissjoni.

*<u>L-Ewwel Sottomissjoni</u>*

[5] Ara l-ittra mibghuta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet lil Joseph Cachia mmarkata bhala Dok D a fol. 10 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' Joseph Cachia a fol. 70 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Joseph Cachia a fol. 71 tal-process.

L-ewwel sottomissjoni hija n-nullita' tad-dikjarazzjoni pprezentata mid-Direttur tal-Artijiet ghax kienet nieqsa mill-formalitajiet rikjesti mill-Ligi. Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ma elaborax liema huma dawn il-formalitajiet li huma skont hu nieqsa fid-dikjarazzjoni, hlief li jghid li d-dikjarazzjoni ma tikkontjeni l-ebda interpellazzjoni.

Skond l-Artikolu 466(1) tal-Kapitolu 12: *"Meta kap ta' dipartiment tal-Gvern irid jagixxi ghall-hlas ta' kreditu li jkollu jiehu d-dipartiment li tieghu huwa jkun il-kap ... ... huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur ... ... li fiha huwa ghandu jiddikjara (1) xi tkun ix-xorta tad-debitu u (2) l-isem tad-debitur u (3) jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut".* L-Artikolu 466(2) jkompli jghid li *"Id-dikjarazzjoni ... ... ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju ... ...".* Dan l-Artikolu mkien ma jghid li d-dikjarazzjoni ghandu jkun fiha interpellazzjoni biex id-debitur ihallas.

Id-dikjarazzjoni in kwistjoni maghmula mid-Direttur tal-Artijiet kien fiha t-tliet rekwiziti fuq imsemmija li ghandhom jkunu fid-dikjarazzjoni guramentata u dana kif jidher car mill-anness Dok A[8] li huwa kopja vera tad-dikjarazzjoni prezentata. Dok B[9] anness huwa vera kopja tal-att gudizzjarju, ukoll rikjest mill-ligi, li bih giet notifikata id-dikjarazzjoni lir-rikorrent.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tirraviza l-ebda nuqqas fil-formalita uzata mid-Direttur intimat sabiex jirrendi d-debitu li hu jippretendi li r-rikorrenti ghandu jhallsu, wiehed ezekuttiv.

Konsegwentement, din l-ewwel sottomissjoni qed tigi michuda.

*<u>It-Tielet Sottomissjoni</u>*

[8] Ara fol. 7 tal-process.
[9] Ara fol. 8 tal-process.

Fit-tielet sottomissjoni tieghu, ir-rikorrenti qed jallega li ma hemm ebda socjeta bl-isem Polidano Group, validament kostitwita skont il-ligi. Id-Direttur intimat mhux qed jinnega dan. Pero huwa jissottometti illi l-Perit Joseph Cachia – impjegat ta' Polidano Bros. Ltd. - kiteb lill-Kummissarju tal-Artijiet fl-4 ta' Mejju 1999 ittra bil-letterhead bl-isem ta' Polidano Group u taht dan l-isem kien hemm diversi ismijiet ta' socjetajiet, u cioe' s-segwenti : Polidano Bros. Ltd., Polmix Ltd., Mait Ltd., Eagle Beams Ltd., Cement Mix Ltd., Polmesh Ltd., Lapsi Quarry, Polidano Leisure Ltd. u Polidano Holdings Ltd. Fl-ittra tieghu l-Perit Joseph Cachia talab *« temporary encroachment permission to erect a tower crane and to construct a boundary wall. »* F'Jannar 2000, il-permess rikjest fl-ittra fuq citata, inghata permezz ta' ittra indirizzata lil Joseph Cachia, Polidano Group,[10] u konsegwentement il-*crane* intrama fis-sit indikat u x-xogholijiet saru. Il-hlas ta' LM2000 mitlub fl-ittra ta' Jannar 2000 biss ma sarx.

Konsegwentement, hawnhekk tqum il-kwistjoni ta' x'ghandu wiehed jifhem bil-kuncett ta' dak li popolarment jissejjah *"group of companies",* kif inhi l-Polidano Group. Ma hemmx dubbju li kull socjeta fi "grupp ta' socjetajiet" ghandha personalita guridika distinta u ghandha d-debituri u l-kredituri taghha. Min-naha l-ohra, m'hemmx dubbju li filwaqt li "grupp ta' socjetajiet" jistghu ikunu jikkostitwixxu intrapriza wahda mil-lat tar-realta ekonomika, legalment m'ghandu l-ebda ezistenza separata.

Il-**Prof. Andrew Muscat**[11] jghid hekk fuq dan il-kuncett:

*"Through the use of a group image, the various components within the corporate group are held out to the public as a single enterprise, as a unified persona. Various methods may be employed to promote the group image. These methods include the adoption of a common group name ... ... <u>the use of common letterheads</u> ... ..."*[12] (sottolinear ta' din il-Qorti) U zied jghid illi, *"The mischief with the group image situation lies in its strong propensity to mislead creditors dealing with a particular component into believing that they are actually doing business either with the group as a separate*

[10] Ara Dok D a fol. 10 tal-process.
[11] Professur Andrew Muscat, *Principles of Maltese Company Law* (MUP 2007) 1147
[12] Professur Andrew Muscat, *Principles of Maltese Company Law* (MUP 2007) 1147

*person or with the holding company."*[13] Illi din hija proprju l-kwistjoni li hija rinfacata biha dina l-Qorti fil-kaz odjern.

Is-sinifikat tal-kuncett ta' "grupp ta' socjetajiet" gie dibatut u deciz fis-26 t'Ottubru 2001, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili[14], fl-ismijiet ***Schoeller International GmbH* kif rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Dr Louis Cassar Pullicino *vs* Mario Ellul, *Modern Plastic Containers Ltd, Modern Crown Stoppers Co. Ltd*, *Modern Buttons Ltd*, *Modern Blow and Packaging Ltd*, *Sandmar Ltd*, u *Waste Control Services Ltd*** deciza fis-26 ta' Ottubru 2001. F'din is-sentenza, il-Prim'Awla osservat hekk:

*"Il-kuntratt sar f'isem l-Ellul Group of Companies, li ma jfisser xejn hlief li s-socjetajiet kollha konvenuti kienu parti fil-kuntratt. Il-fatt li ma ssemmewx individwalment izda permezz ta' isem li jigborhom ilkoll ma jnaqqas xejn mill-fatt li kienu parti fil-kuntratt, daqskemm il-fatt li persuna li tidher fuq kuntratt mhux bl-isem civili taghha izda bid-ditta (trade name) ma jnaqqas xejn mill-fatt li tkun qieghda tintrabat b'dak il-kuntratt.»* Dan l-insenjament gie konfermat mill-Qorti tal-Appell.[15]

Meta dan l-insenjament jigi applikat ghal kaz odjern, dan ifisser li ladarba d-Direttur intimat ta l-permess lir-rikorrent Joseph Cachia ghan-nom ta' Polidano Group, dan il-permess inghata lis-socjetajiet kollha li jiffurmaw parti mill-Polidano Group. Fil-fatt fl-ittra li Joseph Cachia kiteb lill-Kummissarju tal-Artijiet, hemm elenkati s-socjetajiet kollha li jiffurmaw il-Polidano Group. Il-fatt li dawn is-socjetajiet ma ssemmewx individwalment izda permezz ta' isem li jigborhom ilkoll ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-permess inghata lilhom ukoll, u ghalhekk huma lkoll huma obbligati jhallsu l-ammont dovut ghall-hrug tal-permess. Konsegwentement, Polidano Group huwa obbligat li jhallas l-ammont pretiz mid-Direttur intimat.

Ghaldaqstant, din it-tielet sottomissjoni qieghda tigi michuda.

---

[13] Professur Andrew Muscat, *Principles of Maltese Company Law* (MUP 2007) 1147

[14] *Per* Imhallef Giannino Caruana Demajo.

[15] Ara s-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tal-10 ta' Mejju 2005.

*It-Tieni Sottomissjoni*

Fit-tieni sottomissjoni tieghu, ir-rikorrent jallega li n-notifika tad-dikjarazzjoni tad-Direttur intimat mhix valida, la darba din giet innotifikata lilu, cioe, Joseph Cachia, li la huwa direttur u lanqas azzjonist ta' Polidano Group, u li hu qatt ma nghata l-awtorizazzjoni sabiex jagixxi a nom taghha u wisq anqas gie awtorizzat jaccetta notifiki ta' atti gudizzjarji a nom tal-istess.

Il-Qorti tosserva li ma ngabet l-ebda prova li Joseph Cachia ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja ta' Polidano Group jew ta' xi wahda mis-socjetajiet kummercjali li jikkumercjaw b'dak it-*trade name.*

Ghaldaqstant, l-ittra ufficcjali sabiex tinnotifika id-dikjarazzjoni tad-Direttur intimat lil Polidano Group ma setghetx tintbaghat lil "Joseph Cachia f'isem Polidano Group", imma riedet tintbaghat lis-socjetajiet kummercjali kollha, li mill-*letterhead* li fuqha kiteb Joseph Cachia, jiffurmaw parti mill-Polidano Group, u dan anke f'isimhom proprju kif jippreskrivi l-Artikolu 181A(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

Konsegwentement, din is-sottomissjoni tar-rikorrent qieghda tigi milqugha u fl-opinjoni tal-Qorti in-notifika tad-dikjarazzjoni tad-Direttur intimat lir-rikorrenti Joseph Cachia f'isem Polidano Group hija invalida.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrent Joseph Cachia, fis-sens li tiddikjara li n-notifika tad-dikjarazzjoni tad-Direttur tal-Artijiet lil Joseph Cachia f'isem Polidano Group hija nulla u bla effett.

L-ispejjez ta' dina l-procedura ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------